MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 27/2010

Kawza fil-lista:  41

***X R***
**vs**
***T R***

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta:  li l-partijiet izzewwgu fis-26 ta' Lulju 2003;  li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d][f] u [h] ta' l-artikolu 19[1] tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;  ghalhekk qed jitlob li din iz-zwieg jigi dikjarat null minn din il-Qorti; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenuta baqghet kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Senghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkunsidrat;**

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-26 ta' Lulju 2003 fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Il-konvenuta ma topponix.

**Il-Fatti**
Il-qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu ilhom johorgu flimkien circa hames snin.

Illi l-inkwiet beda jfegg anke matul iz-zmien tan-namur peress li skond il-konvenut l-attur kien pussessiv fuqha, u hi minn naha taghha kienet tirreagixxi billi ma taghtih sodisfazzjoni ta' l-affarijiet li kienet taghmel. Di fatti l-partijiet kienu ghamlu xi zmien ma johorgux flimkien, izda eventwalment bl-intervent tal-genituri ta' l-attur u wkoll insistenza da parti ta' l-istess attur huma regghu bdew johorgu flimkien, u eventwalment izzewwgu.

Illi wara t-twelid tat-tifel fit-2 ta' Frar 2005, il-konvivenza matrimonjali bejniethom irriskontrat problemi serji, tal-istess natura li kien hemm qabel iz-zwieg. L-attur jghid li martu ma kienitx taghtih sodisfazzjon meta tohrog, u anke kienet tirritorna lura tard mix-xoghol. Rizultat ta' dan, il-partijiet kienu jiggieldu hafna bejniethom, u eventwalment tant birdu li r-relazzjonijiet intimi bejniethom waqfu. Fl-ahhar il-konvenuta qaltlu li hi ma kienitx thobbu, u li kienet izzewwgitu minnha pressjoni ezercitata fuqha minnu u mill-familjari tieghu.

Ghalhekk wara konvivenza ta' anqas minn tlett snin il-partijiet isseparaw de facto. Illum il-gurnata l-attur ghandu

relazzjoni, filwaqt li l-konvenuta ghandha relazzjoni ma' ragel iehor u ghandha zewgt-it tfal minnu.

Il-konvenuta tispjega li meta hi kienet tohrog ma' l-attur kienet indunat li dan kien ghajjur hafna ghaliha u kien pussessiv fuqha, b'mod li ried ikun jaf kull ma taghmel hi. Tghid li qabel iz-zwieg hija kienet waqfet tohrog mieghu ghax kienet thossha mkissra. Izda anke meta telqitu hu kien isegwiha kull fejn kienet tmur, anke jekk kien ikollha namrat iehor. Ghalhekk ma setghetx tinqata' minn mieghu. Tghid li hu kien jhedded fis-sens li jekk ma tkomplix mieghu kien ser jaghmel suwicidju. Eventwalment hi cediet u kompliet bir-relazzjoni.

Izda hekk kif twieled it-tifel is-sitwazzjoni aggravat, u di piu' l-attur kien ha l-abitudini li jew johrog wahdu u jigi fis-sieghat bikrin ta' filghodu, filwaqt li hi kienet toqghod id-dar bit-tifel, jew ta' spiss kien igib il-hbieb id-dar u jdumu ghandhom sas-siegha ta' filghodu. Dan kien ta' piz kbir ghall-konvenuta li l-ghada kienet riedet tqum ghax-xoghol. Eventwalment il-konvivenza saret insapportabbli ghaliha, u l-partijiet isseparaw de facto. Huma ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni fis-sena 2007. Illum ghandha relazzjoni stabbli ma' ragel li minnu ghandha zewgt-it tfal.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f' dan il-kaz il-qorti tirravviza fil-konfront ta' l-attur il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, stante li n-natura possessiva tieghu, u anke l-egojizmu tieghu fil-konfront tal-konvenuta martu, kienu ta' xkiel serju sabiex il-partijiet jsstabbilixxu bejniethom kommunjoni ta' hajja u mhabba. Dawn il-fatturi kienu rrendew lill-attur inkapaci li jassumi l-obbligu essenzjali taz-zwieg, u cioe' dak tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-26 ta' Lulju 2003.

Spejjez a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------